# IL-FAMILJA TGĦIN FIL-FORMAZZJONI TAL-VALURI UMANI U KRISTJANI



*(Is-Sitt Laqgħa Dinjija tal-Familji - Messiku - 13-18 ta' Jannar 2009)*

« L-ambjent tal-familja hu skola ta' umanita' u ta' ħajja Kristjana għall-membri kollha tal-familja, b'konsegwenzi tajbin għall-persuni, għall-Knisja u għas-soċjeta'. Difatti, il-familja hi msejħa biex tgħix u tikkoltiva l-imħabba reċiproka u l-verita', ir-rispett u l-ġustizzja, il-lealta' u l-kollaborazzjoni, is-servizz u d-disponibilta' lejn l-oħrajn, speċjalment lejn l-aktar batuti. Id-dar Nisranija, li trid "turi lil kulħadd il-preżenza ħajja tas-Salvatur tad-dinja u n-natura vera tal-Knisja", trid tkun imdakkra bil-preżenza ta' Alla, filwaqt li tqiegħed f'idejH il-ħidma ta' kuljum u titolbu l-għajnuna biex tkun tista' twettaq il-missjoni indispensabbli tagħha.

Għal dan il-għan hu ferm importanti t-talb fil-familja f'dawk il-mumenti l-aktar approprijati u li jagħtu sens, għax, kif qal il-Mulej stess: "Fejn tnejn jew tlieta jinġabru f'ismi, hemm inkun jien f'nofshom". U l-Imgħallem żgur hu preżenti fil-familja li tisma' u timmedita l-Kelma ta' Alla, li minnu titgħallem dak li hu meħtieġ għall-ħajja, u li tpoġġi fil-prattika t-tagħlim tiegħu. B'dan il-mod, il-ħajja personali u familjari titjieb ftit ftit, jikber id-djalogu, tiġi mgħoddija l-fidi lill-ulied, jikber il-gost tal-preżenza flimkien u l-familja tissaħħaħ aktar, bħal dar mibnija fuq il-blat.

Bil-qawwa li tiġi mit-talb, il-familja ssir komunita' ta' dixxipli u missjunarji ta' Kristu. Fiha jiġu milqugħ u mxandar il-Vanġelu. »

*(Silta mill-Messaġġ tal-Papa Benedittu XVI lill-Parteċipanti fil-Laqgħa Internazzjonali tal-Familji li saret fil-Messiku)*

## Mill-Kalendarju Djoċesan:

***It-Tnejn 16 ta' Frar:*** Lectio Divina għas-Saċerdoti taż-Żona A (Parroċċa San Ġorġ - 4.00p.m.)
***Il-Ġimgħa 20 ta' Frar:*** *Birthday* tal-E.T. Mons Isqof Mario Grech.
***Is-Sibt 21 ta' Jannar:*** Seminar għal-*Lecturers* u *Formators* tas-Seminarju Maġġuri.

## It-Talba tal-ġimgħa

*Mulej Ġesu', mhux jien qed nistenna lilek biex tfejjaqni spiritwalment, imma Int qed tistenna lili nintebaħ bix-xewqa tiegħek li nħallik tfejjaqni.*

gozopress • 21551534




# Bullettin tal-Ħadd

## Sena Pawlina 2008 - 2009

**Is-6 Ħadd matul is-sena • Sena B • L-40 Sena (2081) • 15 ta' Frar 2009**



*Jekk trid, tista' tfejjaqni*

Resaq fuqu wieħed lebbruż jitolbu bil-ħerqa, nxteħet għarkubbtejh quddiemu u qallu: "Jekk trid, tista' tfejjaqni." Mqanqal mill-ħniena, Ġesù medd idu fuqu, messu u qallu: "Irrid, kun imnaddaf." U minnufih il-lebbra marritlu u ġismu ndaf. U widdbu bis-sħiħ, bagħtu malajr u qallu: "Qis li ma tgħid xejn lil ħadd; iżda mur uri ruħek lill-qassis, u agħmel offerta għall-fejqan tiegħek kif ordna Mosè, biex tkunilhom ta' xhieda."Iżda dak, meta telaq, beda jxandar ma' kullimkien u jxerred l-aħbar, hekk li Ġesù f'ebda belt ma sata' iżjed jidħol bid-dieher, imma kien jibqa' barra fil-kampanja u kienu jmorru ħdejh nies minn kullimkien. (Mk 1, 40-45)

## RIFLESSJONI

- Meta nintefa' quddiem Ġesu', nagħraf lili nnifsi bħala midneb li jeħtieġ il-fejqan ?
- Nifhem li f'Ġesu' hemm rieda qawwija li jfejjaqni, basta jara l-koperazzjoni min-naħa tiegħi ?
- Tirringrazzja lil Ġesu' għal dak kollu li jkun għamel miegħek, speċjalment għall-fejqan spiritwali ?
- Ixxandar l-għeġubijiet tal-Mulej, u tkun xhud tiegħu fl-ambejnti fejn tgħix ?